**Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali**
Local Councils' Association Malta

**A:** Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

**T:** 00356 2596 8000
**E:** lca@lca.org.mt

**www.lca.org.mt**

**Minuti – Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 13**

**Data:** It-Tlieta, 24 ta' Jannar 2023
**Ħin:** 17:30
**Post:** Binja Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, Binja tal-Gvern l-Lokali, il-Marsa

**Preżenti:**
Is-Sur Mario Fava – President
Chev Paul Farrugia – Viċi President
Dr. Samuel Azzopardi – Viċi President
Is-Sur Anthony Chircop – Membru
Is-Sur Clifford Galea Vella Maslennikov – Membru
Is-Sur Sandro Azzopardi – Membru
Is-Sur Stephen Sultana – Membru
Is-Sur Max Zammit – Membru
Is-Sur Charles Bonello – Membru

**Attendew Online**
Is-Sur Jesmond Aquilina – Membru
Is-Sur Steven Axisa – Membru

**Uffiċjal Preżenti:**
Sa. Lianne Cassar – Segretarju Eżekuttiv

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

**13.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu. 12**

13.1.1 Il-President preżenta l-minuti hekk kif kienu mibgħutha lill-Eżekuttiv mis-Segretarju Eżekuttiv.

13.1.2 Fuq proposta ta-President issekondata mis-Sur Sandro Azzopardi, l-Eżekuttiv approva l-minuti hekk kif ġew preżentati.

**13.2 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu. 13**

13.2.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata mis-Sur Sandro Azzopardi u s-Sur Clifford Galea, ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn it-22 ta' Diċembru 2022 u l-24 ta' Jannar 2023 li kienet tammonta għall-€349,728.10.

**13.3 Punti li joħorġu mill-minuti**

| | |
|---|---|
| **13.3.1 Social Impact Assessment** | Il-President semma li l-AKL kienet bagħtet kopja ta' dokument tas-sejħa lil dawk il-Kunsilli Reġjonali li kienu interessati. |
| **13.3.2 Laqgħa mal-ERA rigward skart** | Il-President semma li r-Reġjun Port kien organizza laqgħa mal-ERA, LESA u l-Pulizija tal-Komunita' sabiex wieħed isib triq 'l quddiem sabiex kif l-aħjar ir-Reġjun u l-Kunsilli Lokali jibdew jikkomunikaw ma' dawn it-tliet entitajiet sabiex isir infurzar aħjar fil-lokalitajiet fejn jirrigwardja l-immaniġjar tal-iskart. |
| **13.3.3 Psychometric Assessment** | Il-President semma li l-ħaddiema tal-AKL inkluż is-Segretraju Eżekuttiv kienu għamlu test psikometriku li dan bih wieħed ikejjel attribwitit tal-karattru tal-impjegat kif ukoll kompetenzi relatati mal-kariga li kull impjegat huwa mistenni li jilħaq.<br>Il-President semma li dawn it-testijiet saru u li issa kien der jinbena qafas ta' taħriġ fuq dak li ħareġ mir-rapport. |
| **13.3.4 Application for ineffectiveness - Enemalta** | Il-President semma li l-Akl flimkien mal-avukat li rrappreżenta lill-AKL, lir-Reġjun Punent, Reġjun Port u r-Reġjun Tramuntana kienu attendew għas-seduta tal-PCRB.<br>Il-President semma li l-eżodu tas-seduta kien għadu m' intbgħatx mill-PCRB . |

**13.3.5 Is-Sur Stephen Sultana daħal għal-laqgħa 18:08**

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**12.4 Komunikazzjoni mill-President**

| | |
|---|---|
| **13.4.1 INDIS** | Il-President semma li l-INDIS ġew jagħmlu rapport tal-binja sabiex jitfassal il-kuntratt b' kirja itwal. |
| **13.4.2 Ħġieġ tal-gallariji** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni kienet ordnat il-ħġieġ tal-gallariji u l-kuntrattur kien għadu ma ġabux wisq anqas beda l-installazzjoni tiegħu. Il-President semma li kien ser jieħu l-passi kollha neċessarji biex dan ma jdumx aktar. |
| **13.4.3 Roof Garden** | Il-President semma li l-AKL kellha l-problemi bir-roof garden fejn minnu beda dieħel ammont kbir ta' ilma, speċjalment meta tagħmel ix-xita. Il-President semma li kien talab Perit indipendenti biex jagħmel rappor kif ukoll kienet infetħet anki cliam għand il-kumpanija al-assigurazzjoni.<br>Il-President semma li ladarba r-rapport tal-Perit ikun lest, dan jingħadda għand l-avukat biex ikun jista' jibgħat ittra legali lill-kuntrattur sabiex jinżamm responsabbli tad-danni u l-ħsarat li qed isiru. |
| **13.4.4 European Local Democracy Week** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni ġiet mistiedna ġewwa Strasburgu sabiex tattendi għall-European Local Democracy Week. Dan wara li l-AKL ħadet sehem għall-ewwel darba f' Ottubru tas-sena 2022 billi organizzat l-ewwel attivita' tal-ELDW ġewwa Malta. |
| **13.4.5 Kmamar tal-banju u kċina AKL** | Il-President semma li issa peress li ġewwa tal-uffiċini kien tlesta kollha jmiss li wieħed idur il-kmamar tal-banju u l-kċina li hija wisq kbira u tista' faċilmet issir uffiċju ieħor.<br>Fuq proposta tal-President issekondata minn Chev. Paul Farrugia, l-Eżekuttiv qabel ma' dak propost. |
| **13.4.6 Delegazzjoni Nepal** | Il-President semma li l-AKL kienet qed tikkomunika ma' delegazzjoni fin-Nepal li għandha tagħmel żjara f' Malta lejn April. Il-President semma li l-irwol tal-AKL ser ikun biex tgħinhom jiskedaw il-programm. |
| **13.4.7 SeyTravel** | Il-President semma li kellu laqgħa ma' SeyTravel u semma li dawn ser ikunu qed jorganizzaw sessjoni lill-Kunsilliera sabiex |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

ġewwa s-Sagr ainfermerija jurhom tour virtwali li l-iskop tiegħu huwa li eventwalment ikun repplikat f' siti storiċi oħrajn madwar Malta u Għawdex. Il-President semma li ladarba jkun hemm id-data tal-attivita' jkun jista' jikkomunikaha mal-kumplament tal-Eżekuttiv.

**13.4.8 Civil Society Committee**

Il-President semma li l-AKL kienet attendiet għal-laqgħa rigward transport pubbliku flimkien ma' Civil Society Committee u l-MCESD għand il-Ministru l-Onor. Aaron Farrugia. Il-President semma li l-MCESD kienu ħejjew rapport abbażi ta' survey li kienu għamlu huma.

**13.4.9 Brecia – Lombardija**

Il-President semma li war al-festi tal-Milied reġa' kkomunika ma' Brescia sabiex wieħed jindika meta jixtieq jagħmel żjara ġewwa Malta kif ukoll jibdew il-proġetti li kienu maħsuba li jsiru.

**13.4.10 ECAD**

Il-President semma li f' Mejju 2023 kienet ser tattendi d-delegazzjoni tal-ECAD ġewwa Malta għall-konferenza fuq jumejn. Il-President semma li kienu qed jinġabbru l-kwotazzjonijiet sabiex tinħareġ stedina uffiċjali.

**13.4.11 Uniformijiet tal-ħaddiema AKL**

Il-President semma li kienu inġabru l-kwotazzjonijiet u anki marru jaraw l-unifromijie kemm tal-housekeepers kif ukoll tal-ħaddiema klerikali. Dan peress li dawk tal-ħaddiema issa kienu ijlhom li saru erba' snin filwaqt li l-housekeepers kieneu għadhom mingħajr uniformijiet.

**13.4.12 Ftehim Kollettiv Ħaddiema Klerikali**

Il-President semma li minkejja li l-ftehim kollettiv tal-ħaddiema klerikali kien ijlu li ġie diskuss u anki kien qiegħed fi stadju avvanzat li jiġi ffirmat imma dan baqa' ma ġiexkonkluż.
Il-President semma li huwa kien ġie avviċinat minn ħaddiem klerikali fejn huwa wera d-dubju u li qasmu miegħu xi kollegi li l-Union li kienet tirrappreżentahom ma kinitx għadda iżomm il-maġġoranza tal-ħaddiema u għaldaqstant dan il-ħaddiem wera t-tħassib li issa spiċċaw mingħajr rappreżentanza.
Il-President semma li dan il-ħaddiem kien pront u bagħat ittra lill-ħaddiema klerikali kollha sabiex flimkien jaraw x' ser jagħmlu sabiex il-ftehim kollettiv tagħhom jiġi konkluż ukoll.

**13.4.13 Malta Dementia Society**

Il-President semma li bħala l-AKL m' għandiex riżorsi biżejjed sabiex torganizza konferenza ma' Ministeri oħra u

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

għaldaqstant huwa ssuġġerixa sabiex it-tim li jrid jorganizza din il-konferenza jagħmel kuntatt mad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali.

**13.4.14 Għaqdiet volontarji**

Il-President semma li kien irċieva komunikazzjoni mingħand il-Kunsill Nazzjonali tal-Volontarjat sabiex dawn jibdew diskussjonijiet mar-Reġjuni biex finalment ikunu jistgħu anki jorganizzaw laqgħat fil-Kunsilli Lokali.

**13.4.15 Victim Support Agency**

Il-President semma li l-AKL kienet għaddejja b' komunikazzjoni mal-Victim Support Agency fejn qed ikun imfassal MoU sabiex ikun iffirmat mill-AKL u mill-Aġenzija. Semma li l-iskop huwa li l-Kunsilli Reġjonali u Lokali jwasslu l-messaġġ u aktar għarfien fuq is-suġġett.

**13.4.16 Proġett – Reġjun Punent**

Il-President semma li l-AKL ġiet mistiedna għal-laqgħa organizzata mir-Reġjun Punent, b' delegazzjoni Griega kif ukoll rappreżentanti mill EUPA kif ukoll mill-MCAST. Dan sabiex tkun diskussa l-probabbilita' li jinkiteb proġett għas-sena ddedikata għall-kompetenzi (year of skills).

**13.4.17 Tribunal Industrijali – Ex Segretarju Eżekuttiv AKL**

Il-President semma li kien hemm seduta fadal l-aħħar seduta għax-xhieda tas-Sa. Testaferrata De Noto.

**13.4.18 Laqgħa rigward l-awditjar**

Il-President semma li l-AKL attendiet għal-laqgħa fuq l-awditjar tal-Kunsilli Lokali u r-Reġjuni. Semma li għal din l-laqgħa kien hemm l-awdituri flimkien mal-NAO kif ukoll id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali.
L-Eżekuttiv ilkoll qablu li l-Kunsilli Reġjonali m' għandhomx jidħlu bħala moniteraġġ fuq il-Kunsilli Lokali sabiex dawn jagħlqu r-rapporti finanzjarji fil-ħin. Semmew li dan huwa fir-responsabilita' tad-Diviżjoni li tara li dan isir.

**13.4.19 Rigali ta' tfal**

Il-President semma li r-rigali li kien għad fadal minn wara l-festin tal-Milied kienu għaddew Mater Dei għat-tfal li qegħdin rikoverati. Il-President irreferi għall-ittra li tikkonferma dan.

**13.4.20 Cliam lill-LESA bħala AKL**

Il-President semma li l-AKL kienet qed taħdem sabiex tippreżenta rapport tal-proġetti li kienu ser ikunu ffinanzjati mill-aġenzija LESA.

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

| | |
|---|---|
| **13.4.21 S.A.F.E** | Il-President semma li dan huwa program organizzat mis-Sedqa. Semma li l-AKL ser tkun qed issib żewġ nofs ta' nhari sabix torganizza dan it-taħriġ lill-Membri tal-Kunsill, Segretarji Eżekuttivi kif ukoll ħaddiema tal-Kunsill. |
| **13.4.22 CEMR** | Il-President ippreżenta kopja tal-fattura mibgħuta minn CEMR sabiex titħallas il-membership tas-sena 2023. Fuq proposta tal-President, issekondata mis-Sur Sandro Azzopardi, l-Eżekuttiv approva li din titħallas. |
| **13.4.23 Leave speċjali** | Il-President semma li wieħed mill-ħaddiema applika għal-leave speċjali minħabba fostering li kien sar ftit tal-ġimgħat ijlu. Il-President semma li kienet saret talba ta' għaxart ijiem leave. Semma li huwa ma jsib l-ebda oġġezzjoni li dawn il-jiem jittieħdu biss pero semma li jidher li hemm diffikulta' fl-interpretazzjoni tal-liġi u la d-Diviżjoni u lanqas DIER ma kkonfermawx li din il-persuna eliġibbli għal dawn il-jiem.<br>Dr. Samuel Azzopardi semma li huwa jaqbel li dan il-leave għandu jingħat. Is-Sur Jesmond Aquilina semma wkoll li dan għandu jingħata lill-ħaddiem.<br>Kien hemm qbil li jekk kemm-il darba jkun hemm konferma min-naħa tad-Diviżjoni jew DIER dan il-leave speċjaligħandu jingħata. |
| **13.4.24 Kunslli Lokali – Deficit** | Il-President semma li kien hemm Kunsilli Lokali li talbu laqgħa mal-AKL wara li dawn skond l-Estimi Finanzjarji tagħhom kienu ser jispiċċaw f' deficit. |
| **13.4.25 Mental First Aid** | Il-President semma li fil-jiem li ġejjin kienu ser isiru żewġ sessjonijiet ta' Mental First Aid organizzati mill-AKL. |
| **13.4.26 Korsijiet IPS** | Il-President semma li kienu ġew ibbukjati diversi korsijiet ta' taħriġ mill-IPS kemm mis-Segretarju Eżekuttiv kif ukoll mill-ħaddiema tal-AKL. |
| **13.4.27 Malta Disability Forum** | Il-President semma li l-AKL kienet attendiet għal dan il-Forum. Semma li kien ġie diskuss l-impjig u l-persuni b' diżabbilita'. |
| **13.4.28 Projects Green** | Il-President semma li l-AKL kienet attendiet għat-tnedija ta' din l-Aġenzija. |
| **13.4.29 Korrispondenza San Pawl il-Baħar** | |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**13.4.30 Tribunali Lokali**

Il-President semma li l-AKL irciviet korrispondenza mill-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar fejn jidher li hemm problema minhabba li l-Pulizija mhumiex jenforzaw il-permessi maħruġa mill-Kunsilli Lokali.

Il-President semma li huwa ppropona diġa lis-Segretarju Parlamentari sabiex isiru l-emendi kemm fil-liġi sussidjarja kapitlu 65.01 kif ukoll f' Kap 363 sabiex il-Kunsill Lokali jkollu l-poter li jittowja vetturi li jkunu qed jiksru permessi maħruġa mill-Kunsilli Lokali.

Semma li għandu jkun hemm laqgħa mal-Avukat Ġenerali għal direzzjoni.

Il-President semma li beda taħriġ ġewwa t-Tribunal Xlokk sabiex il-ħaddiema jitħarġu fuq ix-xogħol ta' Tribunal u anki tingħtalhom spjega tal-liġi. Semma li hemm laqgħa oħra fil-viċin li din il-laqgħa hija kontinwazzjoni tal-laqgħat li ijlhom għaddejjin tliet snin. Semma li l-problema ta' Tribunali dejjem baqgħet mhux solvuta sforz anki l-bdil ta' Ministeri li l-Aġenzija LESA għaddiet minnhom.

Il-President semma li d-Diviżjoni qed taħdem sabiex ikun hemm pool ta' ħaddiema ġewwa t-Tribunali. Dan anki minħabba li bosta Tribunali għandhom biss Reġistratur.

Semma wkoll li sabiex l-amministrazzjoni ta' Tribunali tirnexxi u l-ebda Tribunal ma' jaqa lura, il-possibilita' hija li tinħoloq amministarzzjoni fi ħdan il-Gvern Lokali li tamministra l-amministrazzjoni ta' Tribunali.

Is-Sur Bonello semma li bħala bini ta' Tribunal (l-awla) għandha tibqa' f' idejn ir-Reġjuni.

**13.5 Preżentazzjoni u approvazzjoni tar-Raba' Kwart tas-Sena Finanzjarja 2022**

13.5.1 Il-President preżenta r-rapport finanzjarju għar-raba' kwart tas-sena 2022 hekk kif mibgħut mis-Segretarju Eżekuttiv.

13.5.2 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Sandro Azzopardi, l-Eżekuttiv approva r-rapport kif preżentat.

**13.6 Rapport Għeluq is-sena finanzjarja 2022**

13.6.1 Il-President preżenta r-rapport finanzjarju għas-sena 2022 hekk kif mibgħut mis-Segretarju Eżekuttiv.

Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

13.6.2 Fuq proposta tal-President issekondata minn Dr. Samuel Azzopardi, l-Eżekuttiv approva r-rapport kif preżentat.

**13.7 Aġġornament**

13.7.1 Il-Laqgħa aġġornat fis-seba' u nofs ta' filgħaxija. L-Eżekuttiv qabel li għandu jerġa' jiltaqa' it-Tlieta, 21 ta' Frar 2023 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija fil-Binja tal-AKL, ġewwa l-Marsa.

Dawn il-minuti ġew approvati fil-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.14 li nżammet nhar it-Tlieta, 21 ta' Frar 2023 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.

**Mario Fava**

**President**

**Lianne Cassar**

**Segretarju Eżekuttiv**